

Paġna ewlenija>Proċeduri tal-qorti>Kawżi ċivili>Servizz ta' dokumenti: trasmissjoni uffiċjali ta' dokumenti legali

Fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, il-proċeduri u l-proċedimenti pendenti mibdija fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se jkomplu skont il-liġi tal-UE. Il-Portal tal-Ġustizzja elettronika, abbażi tal-ftehim reċiproku mar-Renju Unit, se jżomm l-informazzjoni rilevanti marbuta mar-Renju Unit sa tmiem l-2022.

Servizz ta' dokumenti: trasmissjoni uffiċjali ta' dokumenti legali**Ġibiltà****1 F'termini prattiċi xi fisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għaliex hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?**

F'termini prattiċi, "notifika ta' dokumenti" tfisser in-notifika bil-mod xieraq, ta' dokumenti użati fil-proċedimenti tal-qorti.

Ir-regoli jistabbilixxu l-qafas li għandu jiġi segwit sabiex jintlaħaq dan li ġej:

li dokumenti jiġu nnotifikati b'mod approvat mill-qorti

li jiġi pprovdut mekkaniżmu li fih parti tista' turi li dokument partikolari ġie jew għadu ma ġiex innotifikat

li tiġi stabbilita skeda li fiha dokument jista' jitqies li ġie nnotifikat (eż. notifika personali - meqjus innotifikat fl-istess jum sakemm ma jkunx innotifikat wara l-5.00 p.m. f'jum ta' xogħol jew innotifikat nhar ta' Sib, Ħadd jew btala pubblika, fejn jitqies li ġie nnotifikat fil-jum ta' xogħol sussegwenti).

2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu nnotifikati b'mod formali?

Id-dokumenti meħtieġa li jiġu nnotifikati formalment jinkludu l-formoli tat-talba, id-dettalji tat-talba, id-difiżi, ir-risposti, l-avviżi ta' rikorsi, il-petizzjonijiet, l-ordnijiet u d-dikjarazzjonijiet/l-affadavits tax-xhieda (fejn dawn għandhom jintużaw fil-proċess).

3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?

Il-parti li tkun ħejjiet dokument hija responsabbli għan-notifika tiegħu. Pereżempju, formola tat-talba jeħtieġ li tiġi nnotifikata mir-rikorrent jew minn avukati debitament awtorizzati. Il-Qorti Suprema ta' Ġibiltà (Supreme Court of Gibraltar) ma tinnotifikax dokumenti.

4 Tiftix tal-indirizz**4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru tipprova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi nnotifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?**

Peress li Ġibiltà ma għandhiex reġistru tad-domiċilju bħalma għandhom haġna Stati Membri, mhux possibbli għall-awtorità rikjesta f'Ġibiltà li tikseb indirizz għall-persuna li lilha għandhom jiġu nnotifikati d-dokumenti. Madankollu, fejn id-dokumenti għandhom jiġu nnotifikati lil kumpanija u meta r-riċevituri fl-indirizz partikolari jirrifjutaw li jaċċettaw in-notifika, l-aġenzija li tirċievi f'Ġibiltà tista' tistabbilixxi l-indirizz irreġistrat tal-kumpanija (jekk ikun differenti) u tista' tinnotifika d-dokumenti f'dak l-indirizz.

4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhil-proċedura li trid tiġi segwita? Xi ħlas irid isir, jekk hemm?

Kif imsemmi qabel, ma hemm l-ebda reġistru tad-domiċilju f'Ġibiltà. Biex jinstab l-indirizz ta' persuna huwa neċessarju li jintużaw aġenti li jistgħu jintraċċaw individwi jew jintużaw d-direttorju tat-telefown li jkollu xi dettalji tal-indirizzi. Tfittxijiet bħal rekords tat-telefown huma bla ħlas. Għal tfittxijiet oħra huwa meħtieġ li tiħallas tariffa. Biex jinstab l-uffiċċju rreġistrat ta' kumpanija għandha ssir tfittxija fil-Kamra tal-kumpaniji (Companies House). Dan ma huwiex disponibbli fuq is-sit web.

4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qorti tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?

Le, ma jkunx possibbli li jintalab indirizz f'Ġibiltà permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001.

5 Fil-prattika, normalment kif jiġi nnotifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (ħliet in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?

Normalment, id-dokumenti jiġu nnotifikati kif ġej:

Permezz ta' notifika personali

Permezz ta' posta rreġistrata

Permezz ta' faks jew kwalunkwe mezz ieħor ta' komunikazzjoni

Permezz ta' xi metodu alternattiv ordnat minn imħalef

Mandat ta' inibizzjoni jew ordni oħra approvata b'avviż penali normalment għandhom ikunu nnotifikati personalment.

6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-Internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?

In-notifika tista' ssir permezz ta' faks meta parti jew ir-rappreżentant legali tagħha jkunu indikaw bil-miktub minn qabel lill-parti li tkun qed tinnotifika li huma lesti li jaċċettaw in-notifika bil-faks. Dispożizzjoni simili tapplika fil-każ ta' notifika bil-posta elettronika, għalkemm ir-regoli jipprovdwu wkoll li n-notifika bil-posta elettronika tista' sseħħ biss meta ż-żewġ partijiet ikunu qed jaġixxu permezz ta' rappreżentant legali.

7 Notifika "indiretta"**7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkunu nnotifikati lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?**

Dettalji sħaħ tar-regoli u l-proċeduri għan-notifika f'Ġibiltà jinsabu fil-**Parti 6 tar-Regoli dwar il-Proċedura Ċivili (Civil Procedure Rules)**.

Meta talbiet għal notifika jiġu riċevuti minn Stati Membri oħra, il-metodu normali ta' notifika f'Ġibiltà huwa personalment minn marixxall tal-qorti (court bailiff). Fejn jirriżulta li dan ma kienx possibbli, imħalef jista' jawtorizza metodu ieħor ta' notifika - normalment permezz tal-posta ordinarja fl-indirizz partikolari (jekk dan ikun indirizz tas-soltu jew l-aħħar indirizz magħruf tal-persuna li għandha tiġi nnotifikata).

Inkella, in-notifika tista' ssir b'metodu ieħor ta' konsenja li jipprovi għall-kunsinna fil-jum ta' xogħol li jmiss jew bil-faks jew b'mezzi oħra ta' komunikazzjoni elettronika. Meta l-qorti jidhrilha li hemm raġuni tajba biex tawtorizza notifika b'metodu jew f'post li normalment ma jkunx permess skont ir-Regoli dwar il-Proċedura Ċivili (Civil Procedure Rules), il-qorti tista' tagħti ordni li tippermetti notifika b'metodu alternattiv jew f'post alternattiv.

7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li ġew innotifikati?

Taħt notifika postali normali jew metodu ieħor ta' kunsinna li jipprovi għall-kunsinna fil-jum ta' xogħol li jmiss, id-dokumenti jitqiesu li ġew innotifikati fit-tieni jum wara li d-dokumenti jkunu ntbagħtu bil-posta mill-fornitur rilevanti, tħallew miegħu, ġew ikkonsenjati lilu jew inġabru minnu sakemm dak il-jum ikun jum ta' xogħol jew il-jum ta' xogħol li jmiss wara dak il-jum. Meta n-notifika ssir bil-faks jew b'metodu elettroniku ieħor jekk tintbagħat f'jum ta' xogħol qabel l-4.30 p. m. f'dak il-jum, jew fi kwalunkwe każ ieħor fil-jum ta' xogħol li jmiss wara l-jum li fih tintbagħat. Meta jintuża metodu alternattiv ta' notifika, l-ordni tal-qorti tispesifika l-metodu u d-data li fiha n-notifika titqies li seħħet.

7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?

Id-depożitu ta' dokumenti f'post partikolari (eż. uffiċċju postali) normalment ma jkunx metodu alternattiv ta' notifika. Jekk dokumenti jkunu ġew innotifikati bil-posta reġistrata u ma jkunx ġew ikkonsenjati, il-proċess li bih id-destinatarju jiġi informat huwa stabbilit fit-Taqsima 8 hawn taħt.

7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkunu l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?

Sakemm metodu ta' notifika jkun ġie approvat minn qorti, id-data ta' notifika meqjusa tapplika kemm jekk id-destinatarju jaċċetta n-notifika kif ukoll jekk le.

8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)

8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lil destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-irċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?

Kunsinna reġistrata mill-Uffiċċju tal-Posta ta' Ġibiltà hija lill-individwu, huwa jirċievi notifika ta' ittra/pakkett li għandhom jinġabru u dawn jiġu kkonsenjati biss lill-persuna wara li tiproduci identifikazzjoni.

8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393/2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?

Jekk il-persuna li lilha tintbagħat in-notifika ma tattendix l-uffiċċju tal-posta, ma jkun hemm l-ebda mod ieħor li bih tista' ssir in-notifika.

8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perjodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?

Iva, wara li tintbagħat l-ewwel ħarġa tan-"Notifika għall-ġbir" lid-destinatarju, jingħata perjodu ta' tmienja u għoxrin jum għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma tintbagħat it-tieni "Notifika għall-ġbir". Jekk wara sebat ijiem oħra d-dokumenti ma jinġabru, jintbagħtu lura bħala mhux ikkonsenjati.

Id-destinatarju jiġi informat permezz ta' karta ta' notifika, mibgħuta fl-indirizz tiegħu.

9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie nnotifikat?

Meta r-Regoli tal-Qorti jistipulaw li għandu jkun hemm prova tan-notifika, għandu jiġi pprovdut ċertifikat tan-notifika. Dan għandu jiddikjara li d-dokument ma jkunx ġie rritornat mhux ikkonsenjat, il-metodu ta' notifika użat u d-data ta' meta ntbagħat bil-posta/tan-notifika personali/tal-faks/tad-depożitu fil-post permess. Formola preskritta hija disponibbli.

Fejn formola ta' talba hija d-dokument innotifikat personalment, ir-rikorrent irid jippreżenta ċertifikat ta' notifika fi żmien 21 jum min-notifika tal-formola tat-talba. Jekk jonqos milli jagħmel dan, ir-rikorrent ma jkunx jista' jikseb sentenza fil-kontumacia.

10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi notifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?

Normalment, jeħtieġ li jsir tentattiv ta' notifika mill-ġdid sakemm il-perjodu ta' preskrizzjoni rilevanti jkun għadu għaddej.

Madankollu, il-Qorti Suprema (Supreme Court) għandha s-setgħa li ma tagħti eżenzjoni mill-ħtieġa ta' notifika f'każijiet eċċezzjonali. Eżempju ta' dan huwa fejn konvenut ikun ġie nnotifikat sew u bis-sħiħ b'talba iżda r-rikorrent ikun naqas milli jagħmel notifika fil-perjodu ta' preskrizzjoni rilevanti billi, pereżempju, innotifika f'indirizz ħażin.

11 Hemm xi ħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-ħlas?

Peress li n-notifika ssir minn parti fil-proċedimenti jew mill-avukati tagħha, kwalunkwe tariffi li jirriżultaw minn tali notifika tiħallas minn dik il-parti. It-tariffi jiddependu fuq liema tip ta' notifika tintuża.

L-aħħar aġġornament: 23/08/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.